**18 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Maria Carmela Cassar *et*

*versus*

Ġużeppi Chircop

## L-Azzjoni *Rei Vindicatoria*

*Il-prova tal-proprjetà trid tkun kompleta u konkussiva b'mod li kwalunkwe dubbju anke l-iċken, għandu jmur favur il-possessur konvenut.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi huma proprjetarji ta' nofs indiviż ta' l-għalqa li tagħmel parti mir-raba' ta' Vitu fi Sqaq l-Eħfar, limiti ta' Ħal Kirkop, illi l-konvenut apparentement kien xtara l-istess għalqa fl-intier mingħand Benedetto Sacco u illi Benedetto Sacco kien biss proprjetarju ta' nofs indiviż tal-fond u użufruttwarju tan-nofs l-ieħor, talbu li: (1) jiġi ddikjarat u deċiż illi l-atturi huma proprjetarji ta' dan in-nofs indiviż; u (2) il-konvenut jiġi kkundannat jirrilaxxa l-istess proprjetà f'idejn l-atturi kwantu għal nofs indiviż mhux mibjugħ sewwa - bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat li l-konvenut, għalkemm debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni fil-25 ta' Frar, 1982, ma kienx ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet fit-terminu preskritt bil-liġi u għalhekk kien baqa' kontumaċi;

Rat ir-relazzjoni ta' l-Avukat Dr. Joseph R. Micallef minnu debitament maħlufa fis-seduta tad-29 ta' April, 1983;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattata l-kawża;

Ikkunsidrat:

L-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni rivendikatorja. Infatti, huma qegħdin jitolbu li jiġi deċiż li kienu proprjetarji ta' nofs indiviż ta' l-għalqa li tifforma parti mir-raba' ta Vitu fi Sqaq l-Eħfar, limiti ta' Ħal Kirkop u li konsegwentement il-konvenut jiġi kkundannat jirrilaxxjalhom l-istess nofs indiviż. L-atturi għalhekk għandhom l-obbligu li jippruvaw li huma għandhom il-proprjetà ta' l-imsemmi nofs indiviż. Mhux biżżejjed li jippruvaw li l-imsemmi nofs indiviż mhux tal-konvenut imma jeħtieġ ukoll li juru posittivament li huwa tagħhom. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re **Giuseppe Buhagiar *vs* Borg**, 17 ta' Novembru, 1958, (Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XLII-I-575), din il-prova trid tkun kompleta u konklussiva b'mod li, kif intqal fis-sentenza **Fenech *vs* Debono**, Prim'Awla, 14 ta' Marzu, 1935 (Kollez. Deċ. XXIX-II-485), "kwalunkwe dubbju, anke l-iċken, għandu jmur favur il-possessur konvenut";

Din il-Qorti, wara li ħasbitha fit-tul, hi tal-fehma li l-atturi ma rnexxilhom li jagħmlu l-imsemmija prova rikjesta minnhom;

Kif jidher mid-dikjarazzjoni ta' l-atturi (fol. 3) huma qegħdin jippretendu li r-raba' magħruf bħala ta' Vitu fi Sqaq l-Eħfar, limiti ta' Ħal Kirkop kien oriġinarjament jagħmel parti mill-assi ta' Vittoria armla ta' Leonardo Grima, liema art l-istess Vittoria Grima ħalliet b'titolu ta' prelegat lil Angiolina armla Mifsud permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tad-9 ta' Ġunju, 1918. Minn eżami ta' dan it-testment jirriżulta li Vittoria Grima ħalliet b'titolu ta' prelegat lil Angiolina Mifsud fl-*Articolo Quinto, inter alia "la clausura nei limiti di Casal Chircop in contrada tal-Ehfar appellata tal-Hnejia della capacità di circa un tumolo e due mondelli ..."* (fol. 7). Mid-deposizzjoni ta' l-attriċi Maria Carmela Cassar, però,

jirriżulta li l-għalqa "Ta' Vitu" jafuha ukoll bħala "Ta' Sqaq l-Eħfar" iżda ma għandha x'taqsam xejn ma' l-għalqa magħrufa sal-lum bħala "Ta' Ħnejja" (fol. 45 tergo). Mhux hekk biss imma l-għalqa ta' Vitu, li l-imsemmija Angiolina Mifsud bit-testment tagħha ippubblikat min-Nutar Francesco Farrugia, fis-17 ta' Ottubru, 1938, ħalliet b'titolu ta' prelegat lil Benedetta u Benedetto miżżewġin Sacco, kellha kejl ta' madwar tomnejn u nofs siegħ - jiġifieri kejl ferm superjuri għal dik ta' l-għalqa tal-Ħnejja li Vittoria Grima kienet ħallietilha b'titolu ta' prelegat. Kwindi, kuntrarjament għal dak li l-atturi qegħdin jippretendu fl-imsemmija dikjarazzjoni tagħhom, l-għalqa ta' Vitu li Angiolina Mifsud ħalliet bit-testment fuq imsemmi lill-miżżewġin Sacco ma setgħetx kienet l-istess għalqa tal-Ħnejja li kienet ġiet għandha b'titolu ta' prelegat mill-wirt ta' Vittoria Grima;

Ikkunsidrat:

Kif ingħad fuq, Angela *sive* Angiolina Mifsud, bit-testment tagħha fuq imsemmi ħalliet l-imsemmija għalqa ta' Vitu, li fiha kejl ta' madwar tomnejn u nofs siegħ bi prelegat lil Benedetta Sacco (li tiġi oħtha) u lil Benedetto Sacco żewġ l-istess Benedetta. Fit-testment jingħad biss li Angela Mifsud kienet qiegħda tħalli bi prelegat porzjoni maqsuma ta' l-għalqa magħrufa ta' Vitu tal-kejl ta' madwar tomnejn u nofs siegħ mingħajr ebda indikazzjoni ta' l-irjieħ tagħha li ħaġ'oħra li turi b'ċertezza fejn kienet din il-porzjoni maqsuma. L-atturi ma pproduċewx, meta dana setgħu faċilment jagħmluh, iċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-imsemmija Angela Mifsud u ċ-ċertifikati (dawk tar-Reġistru Pubbliku u tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti) li juru jekk sarx wara xi testment ieħor minnha minbarra l-imsemmi testment li bih seta' ġie rrevokat u/jew emendat l-imsemmi prelegat. Ma jistax jiġi eskluż għalhekk li l-għalqa ta' Vitu mibjugħa minn Benedetto Sacco lill-konvenut bil-kuntratt ippubblikat min-Nutar Joseph Agius fis-6 ta' Lulju, 1961 kienet

ġiet *in toto* lil Benedetto Sacco mill-wirt ta' Angela Mifsud kif jingħad fl-istess kuntratt. Għandu jiġi nnotat a propożitu li dan il-kuntratt ma jindikax it-testment li taħtu l-għalqa kienet ġiet lil Benedetto Sacco mill-wirt ta' Angela Mifsud;

Għandu jingħad ukoll illi bl-imsemmi testment tagħha tas-17 ta' Ottubru, 1938, Angela Mifsud kienet ukoll ħalliet lil Benedetta u Benedetto miżżewġin Sacco id-dar Ħal Kirkop, Triq San Anard, numru sitta u għoxrin (26). Skond dan it-testment għalhekk Benedetta Sacco akkwistat bi prelegat nofs indiviż ta' dan il-fond iżda skond it-testment tagħha ppubblikat min-Nutar Victor Bisazza fil-21 ta' Settembru, 1942, hija ħalliet b'titolu ta' prelegat tliet kwarti indiviżi ossia kwalunkwe kwota li tappartjeni lilha mid-dar Ħal Kirkop, Triq San Leonardo, numru erbgħa u għoxrin (24), ħamsa u għoxrin (25), sitta u għoxrin (26) u sebgħa u għoxrin (27). Din id-differenza tkompli turi n-neċessità li kien hemm li l-atturi jipproduċu r-riċerki kompleti għall-perijodu rilevanti relattivi għat-trasferimenti li setgħu għamlu Angela Mifsud, Benedetta Sacco u Benedetto Sacco, ħaġa li ma għamlux dawk ir-riċerki l-Qorti kienet tkun sodisfatta jekk sarux xi kuntratti *inter vivos* minnhom relattivament għall-għalqa ta' Vitu, qabel ma sar il-kuntratt ta' akkwist tal-konvenut. Jista' jiżdied in propożitu li lill-Qorti jirriżultalha mid-dokumenti esebiti illi Benedetto Sacco u Benedetta Sacco kienu akkwistaw ukoll porzjoni diviża ta' l-għalqa magħrufa bħala Ħofra ta' Vitu fil-limiti ta' Ħal Kirkop, fil-kuntrada ta' Sqaq il-Eqfar mingħand Carmela Lanfranco b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Edoardo Calleja Schembri, fit-28 ta' Frar, 1920, u li dakinhar ċjoè fit-28 ta' Frar, 1920, kienet diġà proprjetarja ta' parti oħra ta' l-imsemmija għalqa billi fl-imsemmi kuntratt jingħad li l-porzjoni ta' art mixtrija b'dak l-att kienet tmiss mit-tramuntana ma' parti oħra ta' l-imsemmija għalqa ta' proprjetà tax-xerrejja, iżda ma rriżultalha lil-Qorti xejn iżjed, anzi ma tafx x'seta' rriżultalha stante n-nuqqas ta' l-atturi li jippreżentaw ir-riċerki fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

L-atturi qegħdin jippretendu li huma akkwistaw in-nofs indiviż preliż minnhom fiċ-ċitazzjoni billi Benedetta Sacco kienet fit-testment fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tal-21 ta' Settembru, 1942, ħalliet bħala użufruttwarju ta' l-assi tagħha lil żewġha Benedetto u bħala eredi f'nofs lil Antonio u Giuseppe Vassallo u f'nofs lil Felicita Xuereb. Skond l-atturi, Antonio Vassallo kien miet qabel Benedetto Sacco u ħalla bħala eredi tiegħu liż-żewġ atturi uliedu Carmela mart Joseph Cassar u Giuseppa xebba Vassallo, u Giuseppe Vassallo kien ukoll miet u ħalla lill-istess atturi bħala eredi tiegħu b'testment ippubblikat fid-9 ta' Settembru, 1968 min-Nutar Paul Pellegrini Petit, mentri Felicita Xuereb tiġi omm l-atturi l-oħra;

Anke f'dan ir-rigward il-provi huma inkompleti - u inkonklussivi. Ma ġie prodott mill-atturi l-ebda ċertifikat (tar-Reġistru Pubbliku u tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti) li juri jekk sarux jew le minn Benedetta Sacco testmenti oħra wara dak fuq imsemmi; lanqas ma ġie prodott iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Benedetto Sacco kif lanqas ma ġew prodotti iċ-ċertifikati li juru li l-atturi Maria Carmela Cassar u Giuseppa Vassallo huma ulied u werrieta ta' Antonio Vassallo, id-data tal-mewt ta' l-istess Antonio Vassallo u ta' ħuh l-imsemmi Giuseppe Vassallo, u li ma sarux testment oħra minn l-istess Giuseppe Vassallo wara dak fuq imsemmi. L-atturi naqsu ukoll jippruvaw bid-dokumenti relattivi li Felicita Xuereb mietet u li l-atturi l-oħra huma l-eredi tagħha;

Il-Qorti f'azzjoni bħal dik preżenti ma tistax toqgħod fuq dak li jgħidu x-xhieda iżda għandha tesiġi l-aħjar prova u dik il-prova, minħabba n-nuqqasijiet fuq imsemmija ma ġietx magħmula mill-atturi u għalhekk il-Qorti hi tal-fehma, kuntrarjament għal dak li kkonkluda l-perit legali li l-atturi, li

fuqhom hu mixħut l-oneru tal-prova, ma rnexxilhomx jagħmlu, kif inhu obbligu tagħhom, il-prova kompleta u konklussiva li n-nofs indiviż ta' l-għalqa msemmija fiċ-ċitazzjoni hija tagħhom;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż tal-kawża kontra tagħhom.